MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 401/2003

**Cargolink Limited**

**vs**

**RHF Industries Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u sebgha u disghin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm1897.52c) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' trasport u servizzi ancillari rezi lilha fuq inkarigu taghha stess;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' dana l-att u kif ukoll l-imghax kummercjali mill-14 ta' Mejju tas-**

**sena 2003, li hija l-ahhar data li fiha gew prestati servizzi, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------